# Pjan ta' Ħidma għall-Vokazzjonijiet Saċerdotali fid-Djoċesi ta' Għawdex

## Introduzzjoni

Kull vokazzjoni hija don ta' Alla lill-Knisja tiegħu. Fost il-vokazzjoni kollha, dik għall-ħajja saċerdotali għandha post importanti fil-ħajja tal-Knisja għaliex "bis-sagrament tal-Ordni l-Presbiteri jingħatalhom xebh ma' Kristu Saċerdot, bħala ministri tar-Ras u kooperaturi tal-ordni tal-isqfijiet, għat-tiswir u l-bini tal-ġisem kollu ta' Kristu li hu l-Knisja."[1] "Il-vokazzjonijiet saċerdotali huma l-frott tal-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu fil-Knisja".[2]

Il-Knisja f'Għawdex tagħraf id-don ta' għadd kbir ta' saċerdoti li matul is-snin hi rċeviet mingħand Alla, u tibqa' rikonoxxenti għall-ġid kollu li l-Mulej għoġbu jsawwab fuq il-poplu tiegħu permezz tagħhom, mhux biss fi gżiritna imma wkoll f'artijiet oħra fejn dawn qdew il-missjoni tagħhom. B'sens ta' gratitudni lejn Sid il-Ħsad, u fl-istess ħin b'sens ta' responsabbiltà lejn il-poplu ta' Alla, lejn is-soċjetà ta' gżiritna u l-ħtiġijiet tal-Knisja universali, hija tħares 'il quddiem u tibqa' tagħmel minn kollox biex tippromwovi l-vokazzjonijiet għall-ħajja saċerdotali. Għal dan il-għan hija qed tipproponi dan il-pjan ta' ħidma għall-vokazzjonijiet saċerdotali.

---

[1] *Presbyterorum ordinis*, 12.

[2] Congregation for Catholic Education, *Pastoral guidelines for fostering vocations to priestly ministry*, 11.

# 1. Id-dmir ta' kull mgħammed li jitlob u jaħdem għall-vokazzjonijiet

Il-poplu ta' Alla ma jistax jgħix mingħajr il-preżenza ta' Rgħajja li, f'isem Kristu, imexxuh lejn il-mergħat ta' dejjem. Hu għalhekk dmir ta' kull mgħammed li jitlob u jaħdem għall-vokazzjonijiet.[3] Il-Konċilju Vatikan II jfakkar li: "it-tħabrik għall-vokazzjonijiet huwa dmir tal-komunità Nisranija kollha. Dan id-dmir għandha taqdih qabel xejn billi tgħix ħajja tassew Nisranija."[4]

## 1.1 Il-Familja

Il-familja hija l-ewwel bejta tal-vokazzjonijiet, anzi "l-ewwel Seminarju"[5]. Il-ġenituri Nsara rċevew il-missjoni li jrabbu lil uliedhom fl-għożża tal-fidi u li jgħinuhom fit-tfittxija tar-rieda ta' Alla għalihom. Huma għalhekk imħeġġin biex jagħtu formazzjoni Nisranija awtentika lil uliedhom, iħarrġuhom fil-valuri umani u spiritwali bħalma huma l-imħabba, is-sinċerità, l-onestà, il-fraternità, l-ispirtu ta' ċaħda marbut mas-sens ta' għotja għall-oħrajn, eċċ. Fuq kollox huma għandhom jgħallmuhom jitolbu u jakkumpanjawhom f'kull waqt tal-mixja tal-fidi tagħhom. Mhux l-ewwel darba li, kif turi x-xhieda ta' ħafna qaddisin, wara xi vokazzjoni kbira kien hemm familja ta' fidi kbira. Mingħajr ma jisfurzawhom għal xi triq partikulari jew, min-naħa l-oħra, itellfuhom, il-ġenituri għandhom jgħinu lil uliedhom fid-dixxerniment ta' dak li jrid Alla minnhom u jgħinuhom iwieġbu għas-sejħa ta' Alla bil-ferħ u b'ġenerożità. Huma għandhom jishru fuq il-

[3] Ara *Pastores dabo vobis*, 41.
[4] *Optatam totius*, 2. (Ara wkoll *Pastoral guidelines for fostering vocations to priestly ministry*, 3 u 13).
[5] *Optatam totius*, 2.

mod ta' kif jitkellmu fuq il-Knisja u fuq is-saċerdot, b'tali mod li ma jċajprux il-ġmiel ta' din is-sejħa li, meta mgħejxa sewwa, hi tabilħaqq teżor kbir għall-individwu u għall-Knisja. Meta iben iħoss li l-Mulej qed isejjaħlu għas-saċerdozju, il-familja għandha tkun minn ta' quddiem nett li tifraħ miegħu u, waqt li tħallih dejjem fil-libertà li jagħmel l-għażla tiegħu, takkumpanjah bit-talb, b'pariri tajba u fuq kollox bix-xhieda ta' ħajja Nisranija. Kull familja għandha tkun ġeneruża ma' Alla u tagħtih id-disponibbiltà li, jekk jixtieq, isejjaħ lil xi ħadd minn uliedha għall-ħajja saċerdotali. Fil-katekeżi li tingħata lill-ġenituri fil-parroċċi għandha tingħata attenzjoni partikulari lit-tema tal-vokazzjonijiet.

### 1.2 L-Għalliema

L-għalliema Nsara kollha, fl-iskejjel u fil-privat, għandhom sehem importanti fil-ħidma favur il-vokazzjonijiet. Bħala Nsara, huma msejħin biex jgħinu lill-istudenti fdati lilhom mhux biss fl-għarfien tas-suġġetti jew tas-snajja' li huma jgħallmu, imma wkoll fl-għarfien tagħhom infushom, fil-bini tal-karattru tagħhom u fit-tħaddin tal-valuri umani u spiritwali. Huma għandhom jgħinu lill-istudenti biex joħorġu t-tajjeb li hemm fihom u jpoġġuh għall-qadi tal-oħrajn. Dan id-dmir jagħfas b'mod partikulari fuq l-għalliema tar-Reliġjon. B'dan il-mod, l-għalliema jkunu jgħinu biex, jekk il-Mulej jogħġbu jsejjaħ lil xi ħadd mill-istudenti tagħhom, dawn ikunu kapaċi jweġbuh bil-ferħ u b'ġenerożità.

### 1.3 Il-Katekisti

Dak li jgħodd għall-għalliema jgħodd b'mod speċjali għall-katekisti kollha, partikularment dawk involuti fil-katekeżi tat-tfal u fil-M.U.S.E.U.M. Imiss lilhom li lit-tfal u liż-żgħażagħ mhux biss *ikellmuhom* dwar Ġesù Kristu imma wkoll li *juruhulhom* u b'xi mod

*ilaqqgħuhom miegħu.*[6] Dan jagħmluh speċjalment billi jlaqqgħuhom mal-Kelma ta' Alla u mal-Ewkaristija, jgħallmuhom jitolbu u jħeġġuhom jieħdu sehem attiv fil-Liturġija u fil-ħajja tal-Knisja, partikularment fil-parroċċa tagħhom. Il-katekisti m'għandhomx jibqgħu lura milli, minn żmien għall-ieħor, jagħmlu b'mod espliċitu l-proposta vokazzjonali lit-tfal u lill-adoloxxenti afdati lilhom, sew bħala grupp u sew bħala individwi.

### 1.4 L-Għaqdiet u l-Movimenti

Il-movimenti u l-għaqdiet għandhom post importanti fil-ħajja tal-Knisja u jistgħu jgħinu ħafna fil-ħidma favur il-vokazzjonijiet. Dan jistgħu jagħmluh billi l-membri jippromwovu fi ħdan l-għaqda jew moviment tagħhom is-sens ta' disponibiltà sħiħa għas-sejħat tal-Mulej kif ukoll is-sens ta' qadi lejn Kristu u l-Knisja tiegħu. Huma mħeġġin għalhekk ikabbru fiż-żgħażagħ li jiffrekwentaw dawn l-għaqdiet u movimenti s-sens ta' appartenenza għal Kristu kif ukoll għall-Knisja lokali u għal dik universali. Il-Movimenti u l-Għaqdiet jistgħu jkunu wkoll ta' għajnuna kbira fid-dixxerniment u fl-akkumpanjament ta' xi vokazzjoni adulta.

### 1.5 Is-Saċerdoti

Dmir qawwi u ħelu li jaħdem għall-vokazzjonijiet jagħfas b'mod speċjali fuq spallejn kull saċerdot.[7] Dan id-dmir "hu parti mill-istess missjoni saċerdotali, li permezz tagħha s-saċerdot, inkwantu saċerdot,

---

[6] Ara *Novo millennio ineunte*, 16.

[7] Congregation for Catholic Education, *Directory for the ministry and the life of the priests*, (2013²), 43.

għandu sehem mill-ħerqa tal-Knisja kollha biex lill-Poplu ta' Alla hawn fuq l-art ma jonqsulu qatt ħaddiema."[8]

1.5.1 Dan id-dmir is-saċerdoti għandhom jaqduh l-ewwelnett bix-xhieda ta' ħajja qaddisa u ferħana li minnha nfisha ssir stimolu għal żgħażagħ oħra biex jitħajru jimxu fuq il-passi tagħhom. "L-istess ħajja tas-saċerdoti, l-impenn sħiħ tagħhom favur il-merħla ta' Alla, ix-xhieda tagħhom ta' qadi kollu mħabba għall-Mulej u l-Knisja tiegħu – xhieda mwettqa bl-għażla tas-salib milqugħ bil-ferħ u t-tama tal-Għid – l-għaqda ta' bejniethom bħal aħwa, u bil-ħeġġa tagħhom għax-xandir tal-Evanġelju fid-dinja kollha, huma l-ewwel fattur pożittiv ta' kotra ta' vokazzjonijiet saċerdotali."[9]

1.5.2 Mument ta' grazzja partikulari fil-ministeru tas-saċerdot huwa s-Sagrament tal-Qrar. Għalhekk is-saċerdoti, huma u jamministraw dan is-Sagrament lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ, m'għandhomx jibqgħu lura milli jistednuhom jirriflettu dwar x'irid Alla minnhom f'ħajjithom u, jekk jaraw li huwa l-każ, jagħmlulhom ukoll b'mod espliċitu l-proposta vokazzjonali. Fil-Qrar huma għandhom ukoll iħeġġu lill-penitenti biex jitolbu u joffru l-penitenza tagħhom għall-vokazzjonijiet.

[8] *Presbyterorum ordinis*, 11. "A necessary requirement of this pastoral charity toward one's own particular church and its future ministry is the concern which the priest should have to find, so to speak, someone to replace him in the priesthood." (*Pastores dabo vobis*, 74).
[9] *Optatam totius*, 2. Ara wkoll *Pastoral guidelines for fostering vocations to priestly ministry*, 3.

1.5.3 Anke fil-ministeru tagħhom mal-morda, is-saċerdoti għandhom jinkuraġġixxu lil dawn l-aħwa biex joffru t-tbatijiet tagħhom lill-Mulej għall-vokazzjonijiet. B'hekk ikunu qed jgħinuhom jagħtu valur lit-tbatija tagħhom u jħossu lilhom infushom bħala membri attivi u utli fil-Ġisem Mistiku ta' Kristu (ara Kol 1,24).

1.5.4 Jixraq li kull tant żmien, meta l-Liturġija tippermetti, is-saċerdoti jiċċelebraw il-Quddiesa "għall-vokazzjonijiet saċerdotali" li tidher fil-Missal Ruman. Dan huma mħeġġa jagħmluh speċjalment fil-jum tal-Ħamis li minnu nnifsu hu marbut mat-twaqqif tal-Ewkaristija u s-saċerdozju.

## 1.6 Id-Diretturi Spiritwali

Dak li jgħodd għal kull saċerdot, jgħodd b'mod speċjali għal dawk is-saċerdoti li jeżerċitaw il-ministeru ta' *religious counsellor* fl-iskejjel, kif ukoll dawk li jiġu mitluba joffru s-servizz ta' direzzjoni spiritwali. Id-diretturi spiritwali, sew jekk huma saċerdoti u sew jekk huma reliġjużi jew lajċi, għandhom iħabirku biex jgħinu liż-żgħażagħ li jitolbuhom dan is-servizz biex jagħmlu dixxerniment tajjeb dwar il-vokazzjoni tagħhom u, fuq kollox, jgħallmuhom jitolbu.

1.6.1 Din ir-responsabbiltà għandhom jeżerċitawha b'imħabba u disponibbiltà, u fl-istess ħin b'distakk interjuri, mingħajr ma jorbtu magħhom lill-persuni li qed ifittxu l-għajnuna tagħhom.

1.6.2 Għandhom ukoll jeżerċitaw dan is-servizz f'kollaborazzjoni sħiħa ma' dawk li huma responsabbli mill-vokazzjonijiet u mill-formazzjoni għas-saċerdozju fi ħdan id-djoċesi.

## 1.7 Il-Kappillani

Fi ħdan il-parroċċa, il-kappillan huwa dak li l-aktar għandu jkollu għal qalbu l-kawża tal-vokazzjonijiet. Huwa għandu jpoġġi fost l-ewwel prijoritajiet pastorali tiegħu il-ħidma favur il-vokazzjonijiet. Barra minn dak diġà msemmi fil-paragrafu 1.5, huwa msejjaħ:

1.7.1 jorganizza mumenti ta' talb għall-vokazzjonijiet, bħalma hi l-Adorazzjoni tal-Ħamis filgħaxija u oħrajn, u li għalihom għandu jistieden b'mod speċjali lill-abbatini u lill-istudenti tal-vokazzjonijiet kif ukoll lill-ġenituri tagħhom;

1.7.2 jieħu ħsieb jikkoordina l-grupp tal-abbatini u l-grupp tal-vokazzjonijiet fil-parroċċa tiegħu; għandu jkun hu l-punt ta' riferiment tagħhom anke meta hemm seminarista jew xi ħaddieħor jgħinu fit-tmexxija ta' dawn il-gruppi;

1.7.3 fejn hemm ċentru tal-vokazzjonijiet, il-kappillan għandu jieħu ħsieb li dan jitmexxa sewwa; fejn m'hemmx, għandu jikkunsidra l-possibiltà ta' ċentru bħal dan, jew għall-inqas jara li l-abbatini u l-istudenti tal-vokazzjonijiet ikollhom spazju fejn jistgħu jiltaqgħu u jagħmlu esperjenza flimkien;

1.7.4 jikkura fl-abbatini u fl-istudenti tal-vokazzjonijiet il-fidi u l-ispirtu ta' talb; ma jikkuntentax ruħu b'li dawn jiġu u jservu l-artal biss, imma jgħallimhom ukoll il-fidi u l-imħabba lejn Ġesù, speċjalment fl-Ewkaristija u fil-liturġija;

1.7.5 meta jilmaħ xi tifel jew żagħżugħ li għandu fih sinjali ta' vokazzjoni jew kwalitajiet li jistgħu jiffavorixxu l-

vokazzjoni, għandu jfittex li jżomm kuntatt personali miegħu u jsegwih aktar mill-qrib, u meta jkun il-waqt jgħinu jsib direttur spiritwali tajjeb; dan għandu jagħmlu aktar b'reqqa meta jiltaqa' ma' xi każ ta' vokazzjoni adulta;[10]

1.7.6 jiddedika ħin għall-abbatini u l-istudenti tal-vokazzjonijiet, u jorganizza għalihom laqgħat regolari ta' talb u riflessjoni, kif ukoll mumenti ta' rikreazzjoni u fraternità bħalma huma ħarġiet, attivitajiet kulturali u sportivi, eċċ.; jekk ikun possibli, tkun ħaġa sabiħa jekk dawn jiġu organizzati anke ma' gruppi ta' parroċċi oħra;

1.7.7 jagħti xhieda ta' ħajja mħeġġa u ta' qalb ta' Ragħaj lejn il-komunità tiegħu, waqt li jieħu ħsieb ukoll il-komunjoni bejn is-saċerdoti tal-parroċċa tiegħu, li hi xhieda oħra qawwija u indispensabbli fil-promozzjoni tal-vokazzjonijiet;

1.7.8 jippromwovi fi ħdan il-komunità parrokkjali interess u mħabba lejn il-vokazzjonijet u lejn is-Seminarju djoċesan, waqt li minn żmien għal żmien iħeġġeġ lin-nies biex jitolbu għas-seminaristi u jgħinu lis-Seminarju anke b'għotjiet ta' karità;

1.7.9 iħeġġeġ u jippromwovi grupp ta' talb għall-vokazzjonijiet fi ħdan il-parroċċa tiegħu, li fih iħeġġeġ jieħdu sehem b'mod speċjali lir-reliġjużi u l-persuni kkonsagrati

[10] "Proposing a vocation should be avoided to persons who, even though they are praise-worthy in their journey of conversion, show signs of being profoundly fragile personalities." (*Pastoral guidelines for fostering vocations to priestly ministry*, 8).

residenti fil-parroċċa, il-ġenituri u l-familjari tas-saċerdoti u s-seminaristi, eċċ.

### 1.8 Ir-Retturi tal-Knejjes

L-istess responsabbiltà tal-kappillani, fejn tidħol il-ħidma għall-vokazzjonijiet, għandhom iħossuha wkoll ir-retturi tal-knejjes u l-komunitajiet iż-żgħar, anke dawk immexxija mir-reliġjużi. Sa fejn hu possibli, dawn għandhom jaħdmu f'kollaborazzjoni mal-kappillan u jgħinu f'kull ħidma tal-parroċċa għall-vokazzjonijiet.

### 1.9 Id-Direttur Djoċesan tal-Vokazzjonijiet

Id-direttur djoċesan tal-vokazzjonijiet huwa saċerdot maħtur mill-Isqof biex jieħu ħsieb jikkoordina l-ħidma vokazzjonali fid-djoċesi.

1.9.1 Huwa għandu jżomm kuntatt mal-kappillani u mad-diversi gruppi parrokkjali tal-vokazzjonijiet u l-animaturi tagħhom, kif ukoll jieħu ħsieb jikkoordina l-attivitajiet vokazzjonali li jsiru fuq livell djoċesan.

1.9.2 Fuq kollox id-direttur djoċesan għandu jżomm kuntatti personali ma' dawk iż-żgħażagħ li jkunu wrew sinjali ta' vokazzjoni speċjalment meta joħorġu mill-iskola jew ikunu bdew l-università. Huwa għandu jqis b'mod speċjali li dawn ikollhom direttur spiritwali u li jieħdu sehem fl-attivitajiet vokazzjonali li jsiru fil-parroċċa u fid-djoċesi, speċjalment fil-*live-in* ta' kull xahar.[11]

[11] Ara n.3.5.

1.9.3 F'din il-ħidma huwa għandu jkun mgħejjun mill-*equipe* djoċesan tal-vokazzjonijiet imwaqqaf apposta mill-Isqof.[12] Minn żmien għal żmien id-direttur djoċesan għandu jiltaqa' ma' dan l-*equipe* għal laqgħat ta' verifika u programmazzjoni.

1.9.4 Huwa għandu wkoll jieħu ħsieb li dan il-Pjan ta' ħdima għall-vokazzjonijiet saċerdotali jkun qed jitwettaq.

[12] Ara n.3.1.

## 2. ĦIDMA GĦALL-VOKAZZJONIJIET FUQ LIVELL PARROKKJALI

Il-parroċċa hija l-ambjent l-aktar naturali li fih il-vokazzjonijiet jikbru u jimmaturaw. Bis-sehem tagħhom fil-ħajja tal-komunità parrokkjali, u bis-sapport kontinwu tal-istess komunità, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ jirnexxilhom jagħrfu aħjar is-sejħa ta' Alla għalihom u jwieġbu għaliha.[13] Barra l-esperjenza ta' fidi u l-ħajja liturġika li l-parroċċa toffri, ta' għajnuna partikulari huma l-gruppi tal-abbatini u l-vokazzjonijiet fejn, flimkien ma' sħabhom ta' mparhom, it-tfal u l-adolexxenti jagħmlu esperjenza sabiħa ta' Knisja u jitgħallmu jiltaqgħu ma' Kristu sakemm jagħrfu l-imħabba tiegħu għalihom u s-sejħa li qed jagħmlilhom.

### 2.1 Il-Gruppi tal-Abbatini

Kull parroċċa jew knisja għandu jkollha grupp tal-abbatini. L-għan ta' dan il-grupp m'għandux ikun biss il-qadi tal-artal imma wkoll il-mixja ta' fidi ta' dawn it-tfal jew adolexxenti. Il-grupp tal-abbatini jista' jkun għalqa tajba fejn il-Mulej jitfa' l-ewwel żerriegħa tal-vokazzjoni. Għalhekk il-kappillan u/jew id-direttur tal-abbatini għandu jkollu għal qalbu din ir-realtà u jfittex mhux tant li jkun moqdi minnhom, imma li jaqdihom hu billi jagħtihom l-aħjar formazzjoni.

2.1.1 Il-grupp tal-abbatini għandu jiltaqa' regolarment, u prefiribbilment darba fil-ġimgħa. Dawn il-laqgħat għandhom ikunu mhux biss fuq livell ta' avviżi u

[13] "The key to foster priestly vocations are those proposed by formation for Christian life: listening to the Word of God, participation in the Eucharist and exercising charity." (*Pastoral guidelines for fostering vocations to priestly ministry*, 16. Ara wkoll: n.20).

programmazzjoni, imma fuq kollox ta' formazzjoni spiritwali u liturġika.

2.1.2 L-abbatini għandhom jiġu mħarrġa l-ewwel u qabel kollox fil-fidi, fit-talb u fil-qima lejn Ġesù Ewkaristija u lejn l-artal li huma jaqdu. Għandu jiġi mnissel fihom is-sens tas-sagru u l-imħabba lejn il-Liturġija bħala azzjoni ta' Kristu u l-Knisja tiegħu. Huma għandhom ukoll jiġu mgħallma s-sens tal-qadi biex hekk ikunu jistgħu joffru s-servizz tagħhom b'imħabba, b'ferħ u entużjażmu.

2.1.3 Barra mill-mumenti ta' formazzjoni u dawk speċifikament marbuta mal-Liturġija, l-abbatini għandu jkollhom ukoll mumenti li fihom jiltaqgħu flimkien biex jikbru fil-ħbiberija ta' bejniethom u bħala grupp. Għandhom jiġu organizzati għalihom mumenti rikreattivi bħal ħarġiet, sports, ikliet, *campings* jew *live-in*, *hikes*, ħarġiet kulturali, eċċ.

2.1.4 Fejn hu possibli, huwa rrakkomandat ħafna li l-abbatini jkollhom post stabbli fejn jiltaqgħu, bħalma huma ċ-ċentru tal-abbatini jew iċ-ċentru tal-vokazzjonijiet.

2.1.5 Biex jiġu koordinati aħjar dawn l-elementi marbuta mal-gruppi tal-abbatini, u jkunu jistgħu jiġu organizzati għalihom xi attivitajiet anke fuq livell djoċesan, l-Isqof jaħtar direttur djoċesan tal-abbatini.

## 2.2 Il-Gruppi tal-Vokazzjonijiet

Barra mill-grupp tal-abbatini, f'kull parroċċa għandu jitwaqqaf grupp tal-vokazzjonijiet. F'dan il-grupp jistgħu jkunu membri dawk li huma minn Form 2 'l fuq u li jixtiequ japprofondixxu s-sejħa tal-Mulej

għalihom, anke dawk li mhumiex abbatini. Jista' jkun il-kappillan stess li jistieden lil xi wħud għax jilmaħ fihom elementi għad-dixxerniment vokazzjonali.

2.2.1 L-għan speċifiku tal-grupp tal-vokazzjonijiet huwa li jgħin lil dawk li jiffrekwentawh fid-dixxerniment vokazzjonali tagħhom. Għaldaqstant dan għandu jkun differenti mill-grupp tal-abbatini, anke jekk in-numru ta' dawk li jattendu jkun żgħir ħafna.

2.2.2 Fejn ikun il-każ, u n-numru jippermetti, l-istudenti tal-vokazzjonijiet jistgħu jinqasmu f'żewġ gruppi, pereżempju wieħed minn Form 2 sa Form 4 u l-ieħor minn Form 5 'il fuq. Mill-banda l-oħra, fejn in-numru ta' studenti jkun żgħir ħafna, dan jista' jingħaqad ma' xi grupp ieħor ta' xi parroċċa oħra fil-qrib, dejjem fid-diskrezzjoni tal-kappillan. F'dan il-każ il-laqgħat jistgħu jsiru darba f'parroċċa u darba fl-oħra.

2.2.3 Il-laqgħat tal-vokazzjonijiet fil-parroċċi għandhom isiru b'mod regolari, preferibbilment kull ġimgħa. Fejn ikun hemm seminarista assenjat għall-pastorali, dawn jistgħu jitmexxew mis-seminarista. Madanakollu, huwa importanti li l-kappillan, jew saċerdot ieħor delegat minnu, isegwi dawn il-gruppi. Dan għaliex hu jista' jkun punt ta' riferiment aktar stabbli għall-istudenti (peress li qiegħed dejjem fil-parroċċa) u jista' jiggarantixxi aktar kontinwità meta s-seminarista jtemm l-esperjenza tiegħu f'dik il-parroċċa. Ta' min iżomm f'moħħu li huwa importanti għall-istudenti f'dik il-fażi tad-dixxerniment li jkollhom persuna stabbli li tiggwidahom, u dan ma jistax jiggarantih is-seminarista.

2.2.4 Fil-laqgħat tal-vokazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati temi vokazzjonali bħalma huma t-talb, id-dixxerniment, il-qari spiritwali, id-direzzjoni spiritwali, kif ukoll temi ta' formazzjoni umana. Ikun tajjeb jekk jiġu wkoll meħuda rakkonti ta' vokazzjonijiet mill-Bibbja kif ukoll mudelli ta' qaddisin li wieġbu b'ġenerożità għas-sejħa ta' Alla, speċjalment mudelli ta' saċerdoti qaddisin.[14] Fost dawn ta' min jirreferi wkoll għal dawk l-aktar qrib tagħna, bħalma huma San Ġorġ Preca, il-Beatu Nazju Falzon, il-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard u saċerdoti oħrajn li mietu b'fama ta' qdusija. Jixraq ukoll li ssir ta' spiss referenza għall-Verġni Marija, mudell ta' għotja sħiħa lil Alla fil-qadi tal-aħwa. L-*equipe* djoċesan tal-vokazzjonijiet għandu jħejji programm ta' laqgħat mifruxa fuq tliet snin bħala sussidju għal dawn il-laqgħat li jsiru fil-parroċċi u li mbagħad jistgħu jirrepetu ruħhom f'forma ta' ċiklu jew jiġu mħejjija laqgħat oħra skont il-bżonn.

2.2.5 Għalkemm skop prinċipali ta' dan il-Pjan huwa l-ħidma għall-vokazzjonijiet għas-saċerdozju djoċesan, tajjeb li fil-gruppi tal-vokazzjonijiet issir ukoll referenza għall-ħajja reliġjuża u dik kontemplattiva, kif ukoll għall-vokazzjoni missjunarja. L-istudenti li jattendu dawn il-gruppi għandhom mhux biss jiġu mgħarrfa bid-diversi tipi ta' ħajja mogħtija lil Alla, imma wkoll jiġu mistiedna jikkunsidrawhom. Għaldaqstant, tkun ħaġa tajba jekk kull tant żmien jiġu mistiedna fil-gruppi xi reliġjużi jew missjunarji biex jaqsmu magħhom l-esperjenza tagħhom.

---

[14] Ara *Pastoral guidelines for fostering vocations to priestly ministry*, 9.

2.2.6 Fl-aħħarnett japplika wkoll għall-gruppi tal-vokazzjonijiet dak li ngħad fil-paragrafu 2.1.3, jiġifieri li l-membri jkollhom mumenti rikreattivi flimkien li matulhom jistgħu jsiru jafu aktar lil xulxin u jikbru fil-fraternità ta' bejniethom. Mumenti bħal dawn jgħinuhom jingħaqdu aktar bħala grupp u jagħtu s-sapport tagħhom lil xulxin.

### 2.3 Il-Ħajja Liturġika

"Fit-talb u fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija l-Knisja għandha l-mumenti essenzjali u ewlenin tal-pastorali għall-vokazzjonijiet."[15] Għalhekk ir-rgħajja tal-erwieħ għandhom ir-responsabbiltà li jikkuraw kemm jistgħu l-liturġija fil-parroċċa jew il-knisja tagħhom biex din tkun tabilħaqq esperjenza vera u ħajja ta' Kristu, li dawk li jieħdu sehem fiha jkunu jistgħu jduqu l-ferħ li Kristu jrid jagħti lil dawk li jħobbuh. Esperjenza bħal din ma tistax ma tolqotx b'mod pożittiv lil dawk li fil-fond ta' qalbhom iħossuhom imsejħa minn Kristu biex jimxu warajh fit-triq tas-saċerdozju, daqs kemm, mill-banda l-oħra, tista' tfixkilhom u tbegħedhom l-esperjenza ta' liturġija traskurata u skandaluża.

### 2.4 l-Adorazzjoni Ewkaristika tal-Ħamis

Hija tradizzjoni ta' min ifaħħarha li f'diversi parroċċi u knejjes tad-djoċesi ssir l-adorazzjoni tal-Ħamis għall-vokazzjonijiet u l-qdusija tas-saċerdoti, fuq il-kmand ta' Kristu nnifsu li qalilna: "Itolbu lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (Mt 9,38)[16]. Fejn din l-adorazzjoni diġà qed issir, din għandha titkompla u tingħata l-

---

15 *Pastores dabo vobis*, 38.

16 "The experience of many local Churches is that young men, in large numbers, sense the call to ministerial priesthood especially where prayer is a constant and profound dimension of the community's life." (*Pastoral guidelines for fostering vocations to priestly ministry*, 13).

importanza li jixirqilha. Fejn għadha mhix issir, tajjeb li tibda ssir. Il-fidili għandhom jiġu mħeġġa jieħdu sehem fiha u joffru s-sagrifiċċji tagħhom tal-ġurnata għal aktar vokazzjonijiet. Għandhom jiġu mistiedna għaliha b'mod partikulari l-abbatini u l-gruppi tal-vokazzjonijiet, kif ukoll il-ġenituri tagħhom. Tkun ħaġa xierqa jekk l-istudenti tal-vokazzjonijiet u l-abbatini jieħdu sehem attiv fiha.

# 3. ĦIDMA GĦALL-VOKAZZJONIJIET FUQ LIVELL DJOĊESAN

Id-djoċesi, taħt it-tmexxija tal-Isqof tagħha, li huwa "l-ewwel responsabbli tal-pastorali għall-vokazzjonijiet saċerdotali"[17], timpenja ruħha biex b'kull mod li tista' tippromwovi l-vokazzjonijiet għall-ħajja saċerdotali, konxja mill-urġenza ta' din il-kawża speċjalment fiż-żmenijiet tal-lum, u konvinta li din hija "ħidma naturali u essenzjali tal-pastorali tal-Knisja, jiġifieri tal-ħajja u tal-missjoni tagħha."[18] Din il-ħidma d-djoċesi twettaqha b'diversi modi, anke 'l hemm mill-komunitajiet parrokkjali fi ħdanha.

## 3.1 L-*Equipe* Djoċesan tal-Vokazzjonijiet

Biex jassigura ħidma aktar koordinata u effettiva, l-Isqof jaħtar *equipe* vokazzjonali li jiġi mġedded kull tliet snin. Membri *ex ufficio* fih ikunu d-direttur djoċesan tal-vokazzjonijiet, id-direttur djoċesan tal-abbatini, is-saċerdot responsabbli mil-*live-in* vokazzjonali ta' kull xahar u r-rettur tas-Seminarju. Flimkien ma' dawn jinħatru xi saċerdoti oħra jew reliġjużi jew anke lajċi, fid-diskrezzjoni tal-Isqof. L-*equipe* għandu jiltaqa' mill-inqas tliet darbiet fis-sena u jiġi msejjaħ mid-direttur djoċesan tal-vokazzjonijiet. L-*equipe* għandu jieħu ħsieb li jfassal pjan ta' attivitajiet għal matul is-sena skont l-indikazzjonijiet mogħtija f'dan il-Pjan, kif ukoll jagħmel verifika tagħhom u jikkunsidra aspetti oħra marbuta mal-vokazzjonijiet.

---

17 *Pastores dabo vobis*, 41.
18 *Pastores dabo vobis*, 34.

### 3.2 Is-Seminarju Maġġuri

Barra l-formazzjoni tas-seminaristi, is-Seminarju Maġġuri jagħraf bħala parti essenzjali tal-missjoni tiegħu dik li jippromwovi l-vokazzjonijiet għall-ħajja saċerdotali. L-istess preżenza u xhieda tas-seminaristi jridu jkunu sinjal u sejħa biex aktar żgħażagħ jitħajru mill-eżempju tagħhom u jagħżlu li huma wkoll jimxu mill-qrib wara l-Mulej Ġesù.[19] Barra din il-preżenza u x-xhieda tas-seminaristi, is-Seminarju Maġġuri jorganizza diversi attivitajiet bi skop vokazzjonali.

#### 3.2.1 Laqgħat għall-gruppi tal-vokazzjonijiet u l-abbatini fis-Seminarju

Mill-inqas darbtejn f'sena, fl-okkażjoni tal-Milied u ta' Jum il-Vokazzjonijiet, is-Seminarju Maġġuri jorganizza *get-together* għall-gruppi tal-vokazzjonijiet u l-abbatini b'mumenti ta' talb, riflessjoni u rikreazzjoni.

#### 3.2.2 Laqgħat għal gruppi ta' etajiet differenti

Mill-inqas darbtejn oħra fis-sena, is-Seminarju jorganizza laqgħa għall-istudenti tal-vokazzjonijiet tal-Forms 1 u 2 u oħra għal dawk tal-Forms 3 u 4. Dawk tal-Form 5 u akbar jiġu mistiedna madwar darbtejn oħra biex jgħaddu ftit ħin fis-Seminarju u jaqsmu mumenti ta' talb u fraternità mas-seminaristi.

---

[19] "Seminarians should be reminded of an established pastoral truth: no one is better suited to evangelize young people than young people themselves. Young students who are preparing for the presbyterate, young men and women who are undergoing formation as religious or as missionaries, personally and as communities are the first and most immediate apostles of vocation in the midst of other young people." (*Pastoral guidelines for fostering vocations to priestly ministry*, 15).

### 3.2.3 Laqgħat fil-parroċċi

Is-Seminarju jieħu ħsieb ukoll li fil-*weekend* is-seminaristi jieħdu sehem fil-gruppi tal-vokazzjonijiet li jsiru fil-parroċċi (kif indikat f'n.2.2.3) u jgħinu fl-oganizzazzjoni ta' attivitajiet marbuta magħhom, kull wieħed fil-parroċċa tal-ministeru tiegħu.

### 3.2.4 *Sports Day* vokazzjonali

Almenu darba f'sena s-Seminarju Maġġuri jorganizza *Sports Day* għall-gruppi tal-vokazzjonijiet u l-abbatini bil-għan li jwassal messaġġ vokazzjonali anke permezz tal-isports.

### 3.2.5 Il-*website* tas-Seminarju u l-paġna tal-*facebook*

Bil-għan li joħloq kuntatt aktar wiesa' mad-dinja virtwali, is-Seminarju Maġġuri jieħu ħsieb jikkura l-paġna ddedikata għall-vokazzjonijiet fil-*website* uffiċjali tiegħu (*God is calling*), kif ukoll il-paġna tal-*facebook* ikkurata mill-grupp tal-vokazzjonijiet fi ħdan is-seminaristi.

### 3.2.6 Ġimgħa vokazzjonali fil-parroċċi

Tliet darbiet f'sena, darba kull term, is-Seminarju jorganizza ġimgħa ta' talb għall-vokazzjonijiet f'xi parroċċa partikulari. Matul din il-ġimgħa jitpoġġew *banners* apposta b'messaġġ vokazzjonali u tingħad it-talba għall-vokazzjonijiet fil-Quddies kollu li jsir, waqt li s-seminaristi jiltaqgħu mat-tfal u mal-istudenti tad-duttrina u jmexxu l-Adorazzjoni Ewkaristika tal-Ħamis. Il-ġimgħa

vokazzjonali tilħaq il-qofol tagħha b'ċelebrazzjoni tal-Quddiesa mmexxija mill-komunità tas-Seminarju.

3.2.7 L-Adorazzjoni tal-ewwel Ħamis tax-xahar

Kull l-ewwel Ħamis tax-xahar is-Seminarju jorganizza ġurnata adorazzjoni Ewkaristika għall-vokazzjonijiet fil-kappella tal-istess Seminarju. Din tiftaħ filgħodu bil-Quddiesa flimkien mas-seminaristi u tkompli sejra sa tard filgħaxija. Il-fidili kollha jkunu mistiedna jiġu jgħaddu xi ħin ta' adorazzjoni.

3.2.8 L-Adorazzjoni tal-ewwel Ġimgħa tax-xahar

Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar is-Seminarju jieħu ħsieb jorganizza siegħa adorazzjoni Ewkaristika għall-ġenituri u l-familjari tas-seminaristi, b'talb għall-vokazzjonijiet.

3.2.9 L-għoti tal-ministeri tal-Lettorat u l-Akkolitat

Biex tinħoloq aktar sensibiltà vokazzjonali, l-għoti tal-ministeri tal-Lettorat u l-Akkolitat jingħataw f'parroċċi differenti kull sena. Bi tħejjija għal dawn il-mumenti sinjifikattivi, f'dik il-parroċċa partikulari ssir ġimgħa vokazzjonali oħra bħal dik imfissra f'n.3.2.6.

3.2.10 Ir-rit tal-Ammissjoni

Biex jiġi vvalorizzat aktar il-Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet, ir-rit tal-Ammissjoni jsir proprju fir-raba' Ħadd tal-Għid. Waqt iċ-Ċelebrazzjoni tal-Kelma li fiha

jsir ir-rit, il-kandidati jiġu mistiedna jistqarru pubblikament l-esperjenza tal-vokazzjoni tagħhom.

3.2.11 Velja ta' Talb bi tħejjija għall-ordinazzjonijiet

Bi tħejjija għall-ordinazzjoni tad-Djakonat u l-Presbiterat, is-Seminarju Maġġuri jorganizza kull sena Velja ta' Talb fis-Seminarju. Għal din il-Velja, kif ukoll għall-ordinazzjonijiet u għall-mumenti msemmija f'numri 3.2.9 u 3.2.10, jiġu mistiedna jieħdu sehem il-gruppi parrokkjali tal-vokazzjonijiet u l-poplu Nisrani kollu.

3.2.12 Missjoni vokazzjonali

Darba fis-sena (fix-xahar ta' Novembru) is-Seminarju jieħu ħsieb jorganizza Missjoni Vokazzjonali f'xi parroċċa partikulari, bil-għan li jagħmel *outreach* vokazzjonali. Din iddum madwar ġimgħa u fiha jiġu organizzati mumenti ta' talb u katekeżi b'rabta mal-vokazzjonijiet. Dawn ikunu mmirati għal diversi kategoriji ta' nies fi ħdan il-parroċċa. Isiru wkoll żjajjar mis-seminaristi fl-iskola tar-raħal, fiċ-ċentru tad-duttrina u/jew fil-M.U.S.E.U.M., fiċ-ċentru taż-żgħażagħ u fil-familji fejn hemm l-adoloxxenti (speċjalment dawk li jattendu l-grupp tal-vokazzjonijiet), eċċ. Ikun hemm ukoll mumenti ċelebrattivi u adorazzjoni Ewkaristika fil-knisja.

3.2.13 L-Aħwa Ħbieb tas-Seminarju

Barra milli torganizza attivitajiet ta' *fund-raising* b'riżq is-Seminarju Maġġuri u l-adozzjoni spiritwali ta' seminarista, l-għaqda *L-Aħwa Ħbieb tas-Seminarju*

għandha bħala għan tagħha li titlob għall-vokazzjonijiet. Il-membri jitolbu u joffru s-sagrifiċċji tagħhom kuljum għal dan il-għan, waqt li jiddedikaw nofs siegħa adorazzjoni Ewkaristika fil-ġimgħa għall-istess għan. Huma joffru wkoll il-preżenza tagħhom waqt l-adorazzjoni tal-ewwel Ħamis tax-xahar li ssir fil-kappella tas-Seminarju.[20]

3.2.14 Is-sehem tas-seminaristi fil-*live-in* vokazzjonali

Is-seminaristi jgħinu fl-organizzazzjoni tal-*live-in* vokazzjonali li jsir darba fix-xahar, kif imfisser f'n.3.5 u, jekk ikun possibli, xi ħadd mis-seminaristi jkun preżenti għalih.

3.2.15 Is-sehem tas-seminaristi mal-abbatini fil-Vatikan

Kull sena wkoll xi ħadd mis-seminaristi jieħu sehem fil-laqgħat ta' tħejjija u l-esperjenza tal-abbatini fil-Vatikan fis-sajf. Din l-esperjenza toffri lis-seminarista l-opportunità li jrawwem djalogu personali mal-abbatini afdati f'idejh u, fejn ikun jista', jagħmlilhom ukoll il-proposta vokazzjonali.

3.2.16 Laqgħat mal-universitarji Għawdxin

Flimkien mad-direttur djoċesan tal-vokazzjonijiet u d-direttur tal-pastorali għaż-żgħażagħ, is-seminaristi jorganizzaw xi attività vokazzjonali għaż-żgħażagħ Għawdxin fl-università, almenu darba f'sena.

[20] Ara n.3.2.7.

### 3.2.17 Il-ġabra tar-Randan għas-Seminarju

Il-ġabra għas-Seminarju li ssir kull sena fir-Randan fil-parroċċi u l-knejjes tad-djoċesi toffri opportunità oħra biex jitwassal messaġġ vokazzjonali. Waqt li jagħmlu din il-ġabra, is-seminaristi jwasslu messaġġ qasir dwar is-Seminarju u jqassmu lin-nies Talba għall-Vokazzjonijiet.

### 3.2.18 Laqgħat mal-Kappillani

Darbtejn f'sena, is-superjuri tas-Seminarju jiltaqgħu mal-kappillani f'laqgħat li jsiru apposta għalihom fis-Seminarju biex jitkellmu magħhom fuq il-formazzjoni pastorali tas-seminaristi u l-ħidma għall-vokazzjonijiet fil-parroċċi.

### 3.2.19 Okkażjonijiet oħra partikulari

Barra mill-ġimgħat vokazzjonali fil-parroċċi, imsemmija f'n.3.2.6, minn żmien għall-ieħor il-komunità tas-Seminarju tiġi mistiedna tiċċelebra Quddiesa għall-vokazzjonijiet fil-knejjes jew f'komunitajiet żgħar li jkunu qed jiċċelebraw il-festa titulari. Dawn il-mumenti joffru opportunità biex il-komunità tas-Seminarju tkun preżenti anke f'dawn ir-realtajiet żgħar u twassal messaġġ vokazzjonali.

### 3.2.20 L-ammissjoni fis-Seminarju Maġġuri

Proprju għax ix-xhieda tas-seminaristi u s-saċerdoti hija element essenzjali fil-ħidma għall-vokazzjonijet[21], huwa

[21] Ara n.3.2.

dmir tas-Seminarju Maġġuri li jishar fuq l-idonjetà ta' dawk li jiġu ammessi għall-formazzjoni u għall-ordinazzjoni.[22]

### 3.3 Is-Seminarju Minuri

Rwol importanti fil-ħidma għall-vokazzjonijiet għandu wkoll is-Seminarju Minuri. Kif tgħid l-istess *mission statement* tagħha, din l-unika skola sekondarja tal-Knisja għas-subien f'Għawdex għandha bħala għan tagħha mhux biss li tgħin fil-formazzjoni personali u akkademika tal-istudenti u li tipprepara lajċi ffurmati tajjeb biex ikunu jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom fil-Knisja u fis-soċjetà, imma wkoll u fuq kollox li tippromwovi l-vokazzjonijiet saċerdotali. Rwol importanti fis-Seminarju Minuri hu dak tad-direttur spiritwali jew *religious counsellor*. Imiss lilu li jżomm kuntatt personali speċjalment ma' dawk l-istudenti li fihom jilmaħ predispożizzjoni jew sinjali ta' vokazzjoni, u jgħinhom jinserixxu ruħhom fil-gruppi tal-vokazzjonijiet li jsiru fil-parroċċi u fl-attivitajiet l-oħra msemmija f'dan il-Pjan. Dak li jingħad fin-n.1.2 ta' dan il-Pjan jgħodd ukoll, b'mod partikulari, għall-għalliema ta' din l-iskola.

### 3.4 Il-pastorali skolastika

Konxja li l-Ispirtu tal-Mulej jonfoħ fejn irid, il-Knisja f'Għawdex tixtieq twassal il-proposta vokazzjonali tagħha fl-iskejjel kollha tal-gżira. Rwol importanti għandu f'dan il-każ id-delegat tal-Isqof għall-pastorali skolastika. F'mumenti opportuni u b'modi addattati, u fl-

---

[22] "A prudent and wise discernment of the essential conditions for being admitted to priesthood should be applied appropriately so as to be sure of the suitability of those who are *called*." (*Pastoral guidelines for fostering vocations to priestly ministry*, 8).

istess ħin bir-rispett dovut lejn il-kuxjenza ta' kull persuna, huwa m'għandux jibqa' lura milli joffri l-isfida tal-mixja wara l-Mulej Ġesù fit-triq tas-saċerdozju. Din ir-responsabbiltà għandhom iħossuha wkoll is-saċerdoti l-oħra li jgħallmu fl-iskejjel. Tkun ħaġa xierqa jekk almenu darba f'sena l-*equipe* djoċesan tal-Vokazzjonijiet flimkien mad-delegat tal-Isqof għall-pastorali skolastika jorganizzaw laqgħa għas-saċerdoti li huma għalliema fl-iskejjel biex flimkien jirriflettu u jiddiskutu fuq x'tip ta' promozzjoni vokazzjonali tista' ssir fl-iskejjel.

### 3.5 *Live-in* vokazzjonali

Permezz ta' saċerdot nominat mill-Isqof, id-djoċesi torganizza kull xahar *live-in* vokazzjonali (dak li qabel kien jissejjaħ "Pre-Seminarju") għaż-żgħażagħ minn 16-il sena 'l fuq li jixtiequ japprofondixxu l-vokazzjoni tagħhom. Is-saċerdot responsabbli jieħu ħsieb jorganizza dawn il-*live-in* u attivitajiet oħra marbuta magħhom bil-għajnuna tas-seminaristi.

### 3.6 Esperjenzi ta' volontarjat

Dawk li jattendu għal-*live-in* ta' kull xahar, fis-sajf jiġu mistiedna jagħmlu esperjenza ta' volontarjat f'Messina (Collereale) jew f'Ruma (mal-*Caritas* djoċesana jew mal-Missjunarji tal-Karità), jew f'realtajiet oħra simili. Ta' min jgħid li dawn l-esperjenzi ta' karità u volontarjat, kif ukoll esperjenzi missjunarji f'pajjiżi tat-tielet dinja, jgħinu ħafna liż-żagħżugħ fit-tfittxija tal-vokazzjoni tiegħu biex jinfetaħ aktar għall-oħrajn, speċjalment għall-foqra u l-batuti li lilhom Kristu ġie jxandar il-Bxara t-Tajba (ara Lq 4,18).[23] Esperjenzi bħal dawn huma ta' min jinkoraġġihom anke fuq livell parrokkjali.

[23] "The sensitivity of young people to the conditions of the weak and the poor is growing. [...] Vocations that grow up in an environment of a Christian

### 3.7 Irtiri tal-Avvent u r-Randan

Xi parroċċi jorganizzaw irtir fl-Avvent u r-Randan għall-gruppi tal-vokazzjonijiet tagħhom u għalihom jistiednu wkoll studenti mill-parroċċi l-oħra. Din l-inizjattiva, li hi ta' min ifaħħarha, għandha dejjem tinħadem f'kollaborazzjoni mad-direttur djoċesan tal-vokazzjonijet biex ma jiġrix li jiġu mfixkla attivitajiet oħra li jkunu qed jiġu organizzati fuq livell djoċesan fl-istess żmien.

### 3.8 Il-pastorali maż-żgħażagħ

Waqt li tagħti kas tal-bniedem sħiħ, il-pastorali djoċesana għaż-żgħażagħ ma tistax ma tinkludix ukoll l-aspett importanti tal-vokazzjoni tal-persuna. L-età taż-żgħożija hija ż-żmien l-aktar propizju biex wieħed jaffronta diskors serju dwar il-vokazzjoni għas-saċerdozju. Għaldaqstant id-delegat tal-Isqof għall-pastorali taż-żgħażagħ għandu jaħdem id f'id mal-*equipe* djoċesan tal-vokazzjonijiet u jistieden liż-żgħażagħ biex jieħdu sehem fid-diversi attivitajiet vokazzjonali li jsiru fil-parroċċa u fid-djoċesi.

### 3.9 Ħidma vokazzjonali mal-istudenti universitarji

Għalqa importanti ħafna fejn għandha ssir il-ħidma għall-vokazzjonijiet hija l-Università u l-MCAST fejn ħafna miż-żgħażagħ li jkunu għadhom jistudjaw ikunu għadhom qed ifittxu l-vokazzjoni tagħhom. Anke f'dawn l-ambjenti l-ħidma vokazzjonali għandha tinħadem id f'id mal-pastorali taż-żgħażagħ. Mument privileġġjat huwa l-laqgħa mal-universitarji Għawdxin imsemmija f'n.3.2.16. Attenzjoni partikulari għandha tingħata lil dawk li kienu jattendu l-*live-in* vokazzjonali ta' kull xahar u mbagħad għażlu li jistennew u

---

witness of charity are solid and genuine, motivated in earnest by service." (*Pastoral guidelines for fostering vocations to priestly ministry*, 16).

jagħmlu xi kors qabel ma jagħmlu l-għażla definittiva tagħhom. Saċerdot maħtur mill-Isqof għandu jsegwi lil dawn iż-żgħażagħ fuq livell personali. Jixraq li din il-ħidma ssir f'kollaborazzjoni mal-arċidjoċesi ta' Malta u r-reliġjużi li jaħdmu diġà fuq il-*Campus*.

### 3.10 Seminars djoċesani dwar il-vokazzjonijiet

Biex joħloq aktar sensibbiltà fid-djoċesi, kull sentejn l-*equipe* djoċesan tal-vokazzjonijiet għandu jorganizza xi seminar jew laqgħa djoċesana dwar it-tema tal-vokazzjonijiet, anke bl-għajnuna ta' kelliema barranin. Għal dawn il-mumenti għandhom jiġu mistiedna b'mod partikulari s-saċerdoti u r-reliġjużi, imma wkoll il-lajċi impenjati u l-ġenituri li għandhom uliedhom fil-gruppi tal-vokazzjonijiet.

### 3.11 Jum il-Vokazzjonijiet

Ta' kull sena r-raba' Ħadd tal-Għid huwa ddedikat lir-Ragħaj it-Tajjeb u huwa miżmum mill-Knisja Universali bħala jum mondjali ta' talb għall-vokazzjonijiet. Sew fil-parroċċi u sew fuq livell ta' djoċesi għandha tinħoloq dejjem aktar sensibbiltà għal dan il-jum. Il-fidili għandhom jiġu mħejjija minn qabel għal dan il-jum u mħeġġin jitolbu, speċjalment matul il-ġimgħa ta' qabel. F'dik il-ġimgħa għandha tingħata importanza speċjali lill-Adorazzjoni tal-Ħamis. L-uffiċċju djoċesan tal-vokazzjonijet għandu jieħu ħsieb ukoll iqassam il-Messaġġ tal-Papa għal dan il-jum u jipproponi talb u meditazzjonijiet oħra li jistgħu jsiru fil-parroċċi, speċjalment fil-Quddies u waqt l-Adorazzjoni Ewkaristika. Fl-omelija tal-Ħadd kull saċerdot għandu jagħti attenzjoni partikulari lit-tema tal-vokazzjonijiet, fid-dawl tal-Kelma ta' Alla li tkun għadha kemm tħabbret, u jgħin biex tinħoloq aktar kuxjenza vokazzjonali fil-qlub tal-fidili.

### 3.12 Adorazzjoni għall-persuni kkonsagrati

Għandha tiġi vvalorizzata aktar l-adorazzjoni għall-persuni kkonsagrati li ssir darba fix-xahar f'parroċċi differenti, immexxija minn *Le Spigolatrici della Chiesa*.

### 3.13 Ħidma f'kollaborazzjoni mar-Reliġjużi

Għalkemm, kif ingħad diġà f'n.2.2.5, dan il-Pjan qed jikkunsidra prinċipalment il-vokazzjonijiet għall-ħajja saċerdotali, ikun xieraq jekk almenu xi wħud mill-attivitajiet imsemmija fih jiġu organizzati flimkien mar-reliġjużi preżenti fid-djoċesi. Dan jgħodd l-aktar għas-*seminars* imsemmija f'n.3.10.

### 3.14 Il-Monasteru tal-Klarissi

Għandu jiġi vvalorizzat aktar ukoll il-monasteru tas-Sorijiet Klarissi li għandna fid-djoċesi ta' Għawdex. Fis-skiet u l-moħbi dawn is-sorijiet qed joffru lil Alla talb u sagrifiċċji għall-vokazzjonijiet. Mhux l-ewwel darba li xi żgħażagħ ifittxu għandhom dawl u għajnuna fid-dixxerniment vokazzjonali tagħhom.

### 3.15 Ħidma f'kollaborazzjoni mal-arċidjoċesi ta' Malta

Ċerta ħidma għall-vokazzjonijiet f'Għawdex għandha ssir ukoll f'kollaborazzjoni mal-arċidjoċesi ta' Malta, speċjalment fejn tidħol il-ħidma mal-istudenti universitarji, imsemmija f'n.3.9.

**Konklużjoni**

Dan il-Pjan ta' ħidma għall-vokazzjonijiet qed jindika b'xi mod ħafna mill-ħidma li diġà qed titwettaq u ħidma oħra li għandha titwettaq, sew fuq livell parrokkjali kif ukoll fuq livell djoċesan. Madanakollu dan il-Pjan ma jrid bl-ebda mod iżomm lura milli jittieħdu inizjattivi ġodda li jistgħu jiżdiedu ma' dawk imsemmija fih, anzi jinkoraġġihom. L-importanti hu li kull ħidma f'dan il-qasam titwettaq f'kollaborazzjoni mal-kappillan meta tkun fuq livell parrokkjali u kkoordinata mad-direttur djoċesan tal-vokazzjonijiet meta tkun fuq livell djoċesan.

Kull ħidma għall-vokazzjonijiet għandha tkun dejjem:

- *immotivata* biss minn imħabba sinċiera għal Kristu u l-Knisja tiegħu,
- *imwettqa* bi spirtu ta' fidi u umiltà,
- *akkumpanjata* mix-xhieda ta' ħajja Nisranija awtentika u ferħana.

Fuq kollox importanti li f'dan kollu nibqgħu konxji li Sid il-Ħsad huwa dejjem Alla u li s-Salvatur tal-Knisja huwa biss Ġesù Kristu, ir-Rgħaj it-Tajjeb li ta ħajtu għan-nagħaġ tiegħu (ara Ġw 10,14-15). Huwa hu li qed isejħilna biex inkunu "ħaddiema" miegħu fl-għalqa tiegħu (ara 1Kor 3,9). Għalhekk, wara li nkunu qdejna dmirna sal-aħħar, b'umiltà nistqarru: "aħna qaddejja li ma niswew għal xejn; għamilna biss dak li kellna nagħmlu!" (Lq 17,10).

*4 ta' Novembru 2013*
*Tifkira ta' San Karlu Borromeo*
*147 anniversarju mit-twaqqif tas-Seminarju*

**ŻIEDA:**

## INFORMAZZJONI DWAR IS-SENA PROPEDEWTIKA

Meta żagħżugħ ikun għamel mixja ta' dixxerniment flimkien mad-direttur spiritwali, jista' jressaq it-talba formali tiegħu lill-Isqof biex jibda l-formazzjoni għas-saċerdozju. L-Isqof jitlob lill-*Board* tas-Seminarju biex jistħarreġ lill-kandidat u, wara li jsir l-i*screening* meħtieġ, ikun jista' jagħti bidu għas-sena propedewtika.

1. L-għanijiet ta' din is-sena huma:

   1.1 li tgħin liż-żagħżugħ jimmatura aktar fiż-żmien u fil-kwalitajiet bażiċi meħtieġa għall-formazzjoni;
   1.2 li tgħinu jiċċara l-motivazzjonijiet tiegħu u hekk isir aktar konvint mis-sejħa li qed jagħmillu l-Mulej;
   1.3 li tgħinu jitħejja għall-istil ta' ħajja li jitlob minnu ż-żmien ta' formazzjoni fis-Seminarju.

2. Il-mezzi li bihom iż-żagħżugħ jiġi mgħejjun jilħaq dawn l-għanijiet matul din is-sena huma:

   2.1 aktar żmien għar-riflessjoni personali dwar il-vokazzjoni tiegħu;
   2.2 laqgħat regolari mal-*counsellor* u mad-direttur spiritwali;
   2.3 bażi soda għall-ħajja tat-talb persunali u komunitarju;
   2.4 familjarità mal-għejjun tal-ħajja spiritwali;
   2.5 esperjenza ta' ħajja komunitarja;
   2.6 tħejjija għall-istudju tal-Filosofija u t-Teoloġija permezz ta' korsijiet preparatorji u l-istudju ta' xi lingwi;
   2.7 esperjenza ta' xogħol u volontarjat.

Fi tmiem is-sena propedewtika ssir verifika tal-mixja li ż-żagħżugħ ikun għamel u tingħatalu r-risposta definittiva biex ikun jista' jibda l-formazzjoni fis-Seminarju.

# Talba lill-Madonna għall-Vokazzjonijiet Saċerdotali

O Marija, Qaddejja umli tal-Mulej,
int weġibt għas-sejħa ta' Alla
u ngħatajt kollok kemm int għall-qadi tiegħu
biex permezz tiegħek seta' jseħħ
il-pjan tiegħu ta' salvazzjoni għall-bnedmin kollha.

Agħmel li ħafna żgħażagħ oħra
jintlaqtu mill-eżempju tiegħek
u mwieżna mit-talb tiegħek ta' Omm
jagħmlu kuraġġ u jwieġbu b'ġenerożità
għas-sejħa li l-Mulej qiegħed jagħmlilhom.

Omm il-Knisja u Għajnuna tal-Insara,
tħalli xejn ibeżża' u jaqta' qalb iż-żgħażagħ tagħna
milli jħallu kollox u jimxu aktar mill-qrib
wara Ibnek Ġesù fit-triq tas-saċerdozju.

Żomm f'qalbek il-Knisja ċkejkna li hi fi gżiritna
u tħalliha qatt nieqsa minn rgħajja skont il-Qalb ta' Ibnek
li f'ismu jmexxuha u jmantnuha
bil-Kelma u bl-Ewkaristija,
kif ukoll bix-xhieda ta' ħajja qaddisa.
Ammen.

Marija, Omm il-vokazzjonijiet,
itlob għalina.